# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 14**

**Citaz. Nru. 3138/96AJM**

**Carmel u Bernardette konjugi Bajada**

**vs**

**Middle Sea Insurance Company Limited**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

L-atturi pprocedew kontra s-socjeta' assiguratrici attrici quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'dan l-att tac-citazzjoni ghar-rizarciment ta' danni minnhom sofferti fir-residenza taghhom.

> "L-atturi wara li ppremetttew illi sa mis-7 ta' Frar 1994 huma kellhom id-dar ta' residenza taghhom "Mortimer" fi Triq il-Parilja, Santa Venera, assikurata mas-socjeta' konvenuta permezz ta' polza numru 000779 151 5294, liema polza baqghet tigi mgedda u mistennija taghlaq fis-6 ta' Frar 1997; illi tul il-harifa tax-xitwa 1995 – 1996 il-gzejjer maltin intlaqtu minn numru ta' maltempati,

tant li ghamlet xita hafna akbar mill-medja registrata fil-gzejjer maltin; illi b'konsegwenza ta' l-imsemmija maltempati u l-gharghar kagunati minnhom, il-*back yard retaining wall* tad-dar ta' residenza ta' l-atturi beda jcedi u sar perikoluz; illi biex jitnehha l-perikolu msemmi, l-atturi kellhom jwaqqghu il-*backyard retaining wall* u naturalment il-*backyard* stess, u r-rikostruzzjoni ta' tali bini sewa lill-atturi sitt elef mitejn u sebgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm6,237.50); illi permezz tal-polza ta' assikurazzjoni imsemmija s-socjeta' konvenuta intrabtet li tindennizza lill-atturi fi flus jew reinstatement numru ta' "okkorrenzi assikurati", inkluza l-okkorrenza imsemmija taht sub-klawsola 1A (b) tas-section 1 ta' l-istess polza bhala "loss of or damage to the buildings caused by … … Storm tempest and Flood … …"; illli minkejja l-ittra gudizzjarja tal-25 ta' Settembru 1996 (dok A), sabiex l-atturi jigu indennizzati fis-somma fuq citati, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti, talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-atturi sofrew danni fid-dar ta' residenza taghhom "Mortimer" fi Triq il-Parilja, Santa Venrea, kawza ta' maltempati u gharghar;

2. tiddikjara tali okkorrenza bhala Okkorrenza Assikurata taht il-polza hawn fuq citata u kontratta bejn il-kontendenti fil-kawza odjerna;

3. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici versu l-atturi fis-somma ta' Lm6,237.50 ai termini ta' l-istess polza.

4. tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-atturi s-somma ta' Lm6,237.50.

Bl-ispejjez, inkluzi dwk ta' l-ittri nterpellatorji u dik ufficjali datata 25 ta' Settembru 1996, u bl-imghaxjiet legali kontra l-konvenuta."

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Is-socjeta' assiguratrici konvenuta hekk eccepiet ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li, kif jirrizulta anke mir-rapport tas-Surveyors (esibit Dok MH1) li spezzjonaw u ezaminaw il-hsara strutturali fil-hajt de quo, il-hsarat u d-danni konsegwenzjali li sofrew l-atturi fil-proprjeta' taghhom mhumiex koperti mid-disposizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni.

> 2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-quantum tad-danni allegatament sofferti mill-atturi huwa eccessiv."

**<u>Decide</u>**

B'sentenza ta' l-4 ta' Ottubru, 1999 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, laqghet it-talbiet attrici, iddikjarat li l-atturi sofrew danni fil-fond residenza taghhom kawza ta' maltemp, u li din l-okkorrenza hija koperta bil-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta, illikwidat l-ammont tad-danni ta' l-atturi fis-somma komplessiva ta' sitt elef mitejn seba' u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm6,237.50) u konsegwentement ikkundannat lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi is-somma hekk likwidata bl-imghax legali komputat mit-2 ta' Ottubru, 1996. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "F'din il-kawza li tikkoncerna kawza ghall-indennizz taht polza ta' assikurazzjoni kontra l-infortunji tal-proprjeta' ma hemm ebda konstestazzjoni dwar il-validita' o meno ta' l-istess polza. L-attur qed jghid li huwa sofra dannu meta r-"retaining wall" retropost ghall-proprjeta' tieghu koperta bi polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' konvenuta, ceda bhala rizultat tal-maltemp. It-talba tieghu ma gietx milqugha u dana bhala rizultat ta' rapport maghmul minn certu M. Holt, Chartered Loss Adjuster tal-Mediterranean Survey Bureau Ltd. li kien gie inkarigat appositament mis-socjeta konvenuta.

L-oggezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija principalment fis-sens li d-dannu soffert mill-atturi ma kienx kopert bil-polza u cioe ma kienx jaqa taht id-definizzjoni ta' Specified Perils, kontemplati fil-polza. In subsidium l-assikurazzjoni qeghdha ssostni li fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat huwa eccessiv.

Skond l-artikolu A (b) tas-Section 1 tal-polza in kwistjoni li titkellem dwar "Buildings" jinghad li s-socjeta' konveuta tobbliga ruhha li taghmel tajjeb ghall-"Loss of or damage to the Buildings caused by the following perils". Fost dawn il-perils insibu "Storm Tempest and Flood". Fir-rapport tieghu l-imsemmi Loss Adjuster jistabilixxi li l-kawza tal-akkadut kienet li "the ground behind the wall has reached saturation point and that weepholes in the wall are inadequate in number. This has meant that there has been a build-up of pressure behind the wall which is causing it to move outwards. As such, the cause cannot be considered as storm damage."

Minn din il-konkluzjoni l-Qorti tifhem li l-Loss adjuster jaghmel distinzjoni bejn haga li tigri f'daqqa wahda minghajr l-intervent tal-assikurat u ghaldaqstant tkun koperta bil-polza, u hsara li tkun kagunata minhabba difett intrinsiku (inadequate weepholes) li jkun il-kawza ta' "a gradual buildup of pressure" li ma tistax tigi konsiderata bhala "insured peril" in kwantu jonqos l-element ta' "uncertainty as regards to the happening of the event" (Halsbury's Laws 3 Edn, 180). Infatti mistoqsi mill-Qorti ghaliex wasal ghal konkluzjoni tieghu x-xhud qal hekk: "I mean it is not a case of a tree for example falling down on a wall knocking it down or even perhaps water rushing down a road and hitting the wall and pushing it down. This is just an accumulation of rain water in the ground".

Din id-distinzjoni hija wahda gusta u ghandha dejjem issir fil-konsiderazzjoni ta' 'claims' koncernanti hsarat fil-proprjeta'. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti l-konkluzjoni ta' Holt, il-loss adjuster, kienet wahda maghggla u nieqsa minn ricerka dettaljata tac-cirkostanzi tal-kaz. Jigi osservat ukoll li l-istess Holt mhuwiex persuna teknika billi ma ghandu ebda kwalifika fl-inginerija. Din il-fehma tal-Qorti hija bazata fuq is-segwenti:-

1. Il-hajt in kwistjoni kien ilu mibni ghal cirka hmistax il-sena. Tul dan il-perjodu kollu qatt ma gara xejn ghalkemm kull sena taghmel ix-xita. Dak illi gara f'Marzu 1996 kellu ghalhekk jkun konsegwenza ta' fattur mhux normali.

2. Il-weepholes imsemmija mill-loss adjuster huma ftit jew wisq irrilevanti ghall-akkadut. Infatti rrizulta li l-hajt tal-bitha tal-

fond ta' l-attur kien mibni fuq hajt iehor tas-sejjiegh. Dan fih innifsu huwa maghmul b'mod u manjiera li jippermetti l-ilma li jiskula u ma jingabarx. Fuq dan il-hajt itella hajt iehor tal-kantun mibni bir-ras, fejn tqeghdu weepholes u skond ix-xhud AIC Farrugia, dan il-hajt kien mibni tajjeb u l-weepholes kienu sufficjenti.

3. Irrizulta li dik ix-xitwa kienet ghamlet l-aktar xita ghall-ahhar erba u sebghin sena. Infatti fejn il-medja ta' xita f'sena tkun ta' 500 mm, skond il-Maggur Mfsud, Chief Meterologist tal-Gvern, dik is-sena cioe bejn Settembru 1995 u Awissu 1996, nizlu 889 mm xita. U din il-kwantita' nizlet principlament sax-xhar ta' Marzu 1996 meta kienu nizlu 867 mm xita. Inoltre jkomli jghid l-istess xhud fl-arja ta' Birkirkara, fejn tinsab sitwata r-residenza ta' l-atturi, fejn il-medja ghax-xahar ta' Frar tkun ta' 80mm, dik is-sena nizlet 169mm. Fl-ahharnett jirrizulta minn notamenti li ezebixxa l-istess xhud Maggur Mifsud li dakinhar ta' l-akkadut, fl-arja ta' Birkirkara biss nizlet 48 mm xita. Dan certament jindika li mhux kollox kien normali kif irid jtina x'nifhmu x-xhud Holt.

Ikkunsidrat:

Mill-fuq espost din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dak li gara ma kienx rizultat ta' "a gradual buildup of pressure" izda pjuttost il-kuntrarju u cioe li minhabba fejn tinsab sitwata l-proprjeta' ta' l-atturi, f'nizla, u minhabba l-kwantita' ta' xita li ghamlet, kien hemm "a sudden flow of water" li faqa' l-hajt billi l-prekawzjonijiet normali li kienu ttiehdu ma kienux sufficjenti. Din kienet sitwazzjoni anormali li tiggustifika l-claim taht il-polza. Dan gie espress mill-House of Lords fil-kaz "Young vs Sun Alliance & London Insurance (1977) fejn, ghalkemm id-decizjoni kienet kontra l-attur, gie ritenut li l-kuntest tal-frasi in kwistjoni fejn insibu l-kliem "Storm" "Flood" u "Tempest" "meant a much larger movement of water than natural seepage… …".

Ikkunsidrat:

Dwar id-danni reklamati xehed il-Perit Farrugia li qal li t-tiswijiet kienu mehtiega immedjatament minhabba il-perikolu u li x-xoghlijiet li saru kienu mehtiega. Huwa kkonferma wkoll il-kont minnu mahrug ghax-xoghol ezegwit minn Demicoli l-kuntrattur. Dan Demicoli ukoll ikkonferma li saru x-xogholijiet u li hu thallas is-somma ta' Lm6,237.50 skond il-kont tal-perit. Da parti tas-socjeta' konvenuta ma ingiebet ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjoni li l-ammont huwa eccessiv."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta' assiguratrici konvenuta. L-appell taghha hu limitat ghar-rigward tat-talba dwar ir-responsabilita' taghha biex taghmel tajjeb ghad-danni reklamati. Ma sar l-ebda ilment jew aggravju rigward tal-quantum tad-danni likwidati u konsegwentement dan l-aspett tal-vertenza ma jinteressax lil din il-Qorti u ma kienx hemm il-htiega li tinoltra ruhha fih jekk tikkonsidra illi d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward tar-responsabilita' kienet gusta.

L-aggravju tas-socjeta' appellanti hu fis-sens li jikkontesta l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u anke ssostni illi applikat ghal dawk il-fatti interpretazzjoni hazina tal-kuncett ta' "Storm Tempest and Flood" kif imhaddnin mill-gurisprudenza Ingliza li fuqha dawn il-Qrati strahu in materja ta' dritt ta' assigurazzjoni. L-appellant nomine jissottometti illi ghalkemm jaqbel li x-xita li waqghet fiz-zmien rilevanti kienet ex admissis hafna aktar mis-soltu, ma kienx veru illi din kienet nizlet f'daqqa bil-konsegwenza li kien hemm "a sudden flow of water" li holqot pressjoni fuq il-hajt tar-residenza ta' l-appellati u li b'konsegwenza tieghu kien hemm inondazzjoni. Skond is-socjeta' appellanti, il-kaz taht ezami ma kienx jipprezenta l-fatti specie ta' inondazzjoni u ma kienx anqas possibbli strutturalment illi jkun hemm"flood" billi r-residenza ta' l-appellati kienet fuq gholja u mhux fil-wied. Is-socjeta' appellanti ssostni illi l-gharghar jolqot biss il-widien jew "low lying areas". Konsegwentement l-Ewwel

Qorti ma setghetx tikkonkludi illi l-hajt kien intlaqat minn "floods" meta kien mibni fuq dizlivell bl-irdum tahtu fejn seta' facilment skula l-ilma tax-xita minghajr ma kkreja l-inondazzjoni allegata.

Il-kontestazzjoni fir-rigward tal-provi tas-socjeta' appellanti allura hi illi s-"sudden floor of water" li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li kien il-kagun prossimattiv tal-hsara fil-hajt, fil-fatt qatt ma laqat l-inhawi fejn kien mibni l-hajt. L-akkumulu ta' l-ilma kien gradwali u zgur mhux qawwi bizejjed biex jigi kwalifikat bhala "flood" (gharghar) fid-definizzjoni legali tal-kelma. Is-socjeta' appellanti tiddefinixxi t-terminu "flood" bhala fenomu naturali vjolenti u straordinarju. Xita persistenti fuq medda ta' stagun shih, anke jekk xita "record" ghal dik is-sena partikolari, ma kenitx tikkostitwixxi fenomenu vjolenti u straordinarju. Konsegwentement il-hsara kawzata minn xita persistenti u abbondanti ma titqiesx bhala koperta minn polza ta' assikurazzjoni li tipprovdi ghall-indennizz f'kaz ta' gharghar jekk jirrizulta illi l-hsara kienet kawzata minn "susidence" tal-hamrija li kienet espressament eskluza fil-paragrafu 1(A)(b)(i) tal-polza. Il-kelma "subsidence" fit-test Ingliz, kienet definita bhala "caving in or collapse". Is-socjeta' appellanti tissottometti illi l-appellati stess jilmentaw li l-hsara lamentata kienet avverat ruha meta l-hajt "beda jcedi" bhala konsegwenza tal-kwantita' ta' ilma tax-xita li ghamlet f'dak l-istagun.

Dan l-aggravju kellu qabel xejn jigi konsidrat fid-dawl ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti biex waslet ghad-

decizjoni taghha illi d-danni reklamati kienu koperti mill-polza ta' assigurazzjoni taht ezami. Kien ovvju illi jekk l-interpretazzjoni moghtija lil dawn il-fatti mill-Ewwel Qorti kienet dik korretta, allura hafna mill-argumentazzjoni legali proposta mill-appellant nomine ikollha tigi skartata. Din il-Qorti tosserva illi s-socjeta' appellanti tinsisti illi ma tirrizultax il-prova illi kien hemm "a sudden flow of water" kif irriteniet l-Ewwel Qorti. Ghall-kuntarju ssostni illi l-ilma li faqa' l-hajt kien akkumula gradwalment fuq perjodu ta' zmien u dan wassal biex iddghajjef il-hajt. Din it-tezi hi pero zmentita bil-prova dokumentata tal-kap ta' l-Ufficcju Meterjologiku jikkonferma illi bejn nofsinhar tas-7 ta' Marzu, 1996 u nofsinhar tat-8 ta' Marzu 1996 fuq Birkirkara cioe' fl-inhawi ta' fejn ghandhom ir-residenza taghhom l-appellati, kienet ghamlet xejn inqas minn 48 mm ta' ilma. Kwantita' ta' xita illi hu accettat li kien ghal kollox anormali anke fir-rigward tal-koncentrazzjoni ta' l-ilma fi ftit hin.

Din il-Qorti allura ma tarax raguni ghaliex ma kellhiex taccetta l-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi l-hsara saret minhabba "a sudden flow of water" li faqa' l-hajt. Konkluzjoni din ghal kollox versomili fic-cirkostanzi u kif sewwa jirrizulta mill-provi, teknikament ghal kollox possibbli u spjegabbli.

Kwantu mbaghad ghall-insistenza tas-socjeta' assiguratrici illi ma kienx koncepibbli li jkun hemm gharghar fejn ma kienx hemm wied, din il-Qorti tqis sottomissjoni ta' din ix-xorta bhala ghal kollox insostenibbli.

Dak li kien certament mehtieg kien dizlivell bejn il-fond assigurat u t-terren cirkostanti li kien jippermetti li l-ilma tax-xita fil-livell oghla jinzel ghal fuq il-fond assigurat fl-livell aktar baxx. Kien allura bizzejjed illi l-fondi taht ezami ikunu sitwati f'zewg toroq fuq livelli differenti b'mod li allura l-fond fil-livell inferjuri, ikollu bilfors jilqa' l-ilma tax-xita mill-fond superjuri. Hekk kien proprju l-kaz ta' l-atturi li kien fi Triq il-Parilja u li kienet qeghda "bejn Psaila Street u Valley Road".

L-appellati jikkontendu illi gie provat illi x-xita straordinarja li grat f'dik il-gurnata kellha bilfors tinzel ghal gol-wied u biex taghmel dan kellha tghaddi minn gol-proprjeta' taghhom. Kienet proprju din il-moghdija ta' l-ilma f'salt illi kkawzat ic-cediment tal-hajt de quo. Din il-verzjoni tal-fatti giet accettata mill-Ewwel Qorti u din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex ma taccettax hi ukoll li l-fatti verament graw kif deskritti mill-appellati. Jekk jigi premess li hekk gara din il-Qorti ma tara xejn stramb illi tikkonkludi li rrizultat inondazzjoni fir-residenza proprja ta' l-appellati. Ma kien hemm xejn inverosimili illi meta saret il-hsara fil-hajt, l-ilma baqa' ghaddej b'forza mit-traettorja li tiehdu ghal gol-wied imma li kienet tevita l-bini. Mill-banda l-ohra, hu kostatat ukoll mill-perit ta' l-appellati illi l-hajt effettivament ma waqax imma zzaqqaq. Il-perit hekk xehed:-

> "Li gara fl-opinjoni tieghi kien li s-sur Bajada kellu gardina n-naha ta gewwa u bicca paved area u li bix-xita l-kbira l-hamrija giet sepurata u l-hajt ma kienx jiflah ghall-pressa ta' l-ilma. Hu ma

waqax ghal kollox il-hajt jigifieri, ibbawja ‘l barra xi erba’ pulzieri minn nofs u nqata’ l-madum minn mal-hajt … … Il-hajt hareg ‘il barra bil-pressa ta’ l-ilma … … Hareg laterally. Hekk ibbawja ‘l barra … … La genbha kienet il-pressjoni, ma waqax hekk il-hajt minn taht, hareg la genbha … …”.

Din ix-xhieda allura tinnewtralizza ghal kollox is-sottomissjoni teknika li biha s-socjeta’ appellanti ttantat tezimi ruhha mir-responsabilita’ taht il-polza.

Din il-Qorti ma ghandhiex raguni ghaliex, bhall-Ewwel Qorti, ma taccettax din id-deskrizzjoni grafika teknika tal-perit li ezamina l-hsara a tempo vergine. Il-fehma tal-perit kwalifikat hi opinjoni ex parte daqskemm hi opinjoni ex parte dik tas-surveyor tas-socjeta’ konvenuta li pero, fil-fehma tal-Qorti, kellha piz probatorju determinanti. Dan anke ghaliex dak li l-perit iddeskriva li gara b’rizultat tax-xita qawwija kien jirrifletti l-koncezzjoni populari konsegwenzjali ghall-fenomini ambjentali ta’ din ix-xorta meta jinghad illi “x-xita faqghet il-hajt”. Meta hekk jigri, spiss il-hajt ma jaqax kif gara f’dan il-kaz, imma jizzaqqa iil barra u tigrilu hsara rreparabbli b’mod li jkollu jigi zarmat u mibni mill-gdid, kif effettivament gara fil-kaz taht ezami. Il-fatt illi l-hajt ma jaqax u l-ilma ma jghaddix f’salt wiehed mill-fetha konsegwenzjali, bl-ebda mod ma jfisser illi b’daqshekk il-hsara ma tkunx giet kagonata mill-gharghar. Tkun hsara li grat b’konsegwenza diretta tal-fatt li tkun nizlet ix-xita

f'daqqa imma li fortunatament il-hajt sa certu punt laqa' imma bi hsara irreparabbli ghalih.

Din il-Qorti allura taccetta l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti illi l-kawza prossima u mmedjata tal-hsara reklamata mill-atturi kienet ix-xita f'salt li nizlet fil-gurnata indikata fil-provi. L-impressjoni li pprovat taghti s-socjeta' konvenuta illi biex tiskatta r-responsabilita' taghha fit-termini tal-polza ta' assikurazzjoni ghall-hlas ta' danni rizultanti minn "flood" kellu jkun hemm inondazzjoni tax-xorta ta' dulluvju universali u li l-hsara kellha tkun immedjata, hi ferm 'il boghod minn dak illi anke s-sentenzi Inglizi jikkonsidraw bhala definizzjoni ta' "flood". Hu ovvju illi ghalkemm per definizione t-terminu kien jimplika inzul qawwi ta' ilma f'salt, naturalment anke hawn fil-kuntest ragonevoli ta' spazju u hin, xejn ma hemm li jimponi illi l-hsara tkun immedjata. Li kien mehtieg biss huwa illi jigi stabbilit n-ness ta' kawza u effett bejn l-ilmijiet li kkawzaw l-gharghar u l-hsara. Dan in-ness gie sewwa stabbilit.

Ma hemmx ghalfejn jinghad illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni kien wiehed li jesigi l-massima bona fede miz-zewg kontraenti. L-'uberrime fidei' kienet testendi wkoll allura ghas-socjeta' assikuratrici li kienet mistennija mhux biss li, bhall-assigurat taghha, tagixxi bl-aqwa bona fede fil-mument meta tkun qed tigi mimlija l-"proposal form" u konkjuz il-kuntratt, imma wkoll fl-ezekuzzjoni ta' l-istess kuntratt u fl-interpretazzjoni tieghu meta tkun qeghda tivvaluta talba ghar-rimbors

ta' danni. Interpretazzjoni li kellha tkun konformi l-aktar ma' dak illi l-partijiet kienu qeghdin jintendu fil-mument meta kkonkludew il-kuntratt aktar milli fuq it-tifsira teknika legali tal-kliem. L-assiguratur allura kellu jkun cert illi meta l-proponent ikun qieghed jikkonkludi polza ta' assikurazzjoni mieghu, dan ikun qieghed sewwa jifhem l-import tat-termini uzati fil-polza illi kellhom jigu interpretati skond kif persuna f'Malta tifhimhom aktar milli skond kif persuna f'pajjz iehor kienet tifhimhom.

F'dan il-kuntest, hi rilevanti s-sottomissjoni li ghamlu l-appellati fir-risposta taghhom f'dan is-sens:-

> "Ghandu jigi rilevat li huwa veru li l-ligi ta' l-assikurazzjoni Maltija segwiet hafna l-ligi Ingliza fil-format taghha u ghalhekk huwa veru wkoll li l-principji generali tal-ligi ta' l-assikurazzjoni Ingliza gew adottati ghall-ligi Maltija. Hekk per ezempju gie adottat il-kuncett ta' l-uberrima fides u ta' l-insurable interest, u tar-regola tal-contra proferentem. Izda huwa veru wkoll li fil-ligi Ingliza meta jkun hemm difikulta' ta' interpretazzjoni ta' xi kelma, il-Qorti tinvestiga x'kien qed jifhem l-assigurat meta haerg il-polza in kwistjoni. Tant hu hekk li meta tintuza xi kelma jew frazi ambigwa, tapplika l-contra progerentem rule li tghid li l-interpretazzjoni ta' kull ambigwita' ghandha tinftiehem kontra l-parti li tkun abbozzat l-assikurazzjoni, u cioe favur l-assigurat. Fi kliem iehor, jekk fil-ligi Ingliza il-kelma 'Storm' normalment jifhmu li jkun hemm rih qawwi, il-kelma ekwivalenti maltija 'maltempata' mhux necessarjament tirrikjedi rih: hafna xita tikkostitwixxi maltempata. Di fatti, meta c-Chief meteorologist gie mistoqsi dwar jekk irrizultalux li kien hemm maltempati fiz-zmien in kwistjoni, huwa xehed (pagna 6 tax-xhieda tieghu) li "… meta jkollok din ix-xita bhal din ikollok il-maltempati, hux, bir-raghad igifieri". Dan kollu jfisser li ghalkemm il-ligi Maltija ssegwi l-principji tal-ligi Ingliza, meta nigu biex ninterpretaw kelmiet partikolari irridu nqisu wkoll il-kuntest Malti, ghaliex l-assikurat huwa Malti u meta dan hareg il-polza ma kellu ebda mhallef Ingliz mieghu biex jinterpretalu l-kliem tekniku. Ghalina l-Maltin xita qawwija tikkostitwixxi maltempata, u ghalina l-ekwivalenti

> Ingliza ghal din il-kelma hija "storm". Mhux kontestat li l-hsara li saret fil-hajt in kwistjoni saret kawza ta' maltempata jew maltempati, u ghalhekk diga' tokkorri wahda mill-vertenzi in ezamina."

Din il-Qorti ghall-fini ta' dan l-appell ma jehtigilhiex tiddeciedi jekk il-hsara setghetx tigi kwalifikata wkoll bhala konsegwenza ta' "storm jew tempest". Tippreferi tistrieh fuq dak li kkonsidrat l-Ewwel Qorti bl-aggunta illi kuntratt ta' assikurazzjoni konkjuz ma' persuna f'Malta, il-kelma inondazzjoni ma kenitx necessarjament tfisser biss meta teghreq il-Marsa jew l-Imsida b'halba xita qawwija imma wkoll meta l-hajt ta' residenza jigi mifqugh b'konsegwenza ta' ilma tax-xita li jkun nizel f'salt u fi zmien relattivament qasir.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' konvenuta appellanti.

Dep/Reg

cb